31993R2866

L 262/24 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 21.10.1993

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2866/93

ta' l-20 ta' Ottubru 1993

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1756/93 li jistabbilixxi ċ-ċirkostanzi operattivi għar-rata tal-kambju agrikolu applikabbli għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru No 3813/92 tat-28 ta' Diċembru 1992 dwar l-unità ta' kontijiet u r-rati tal-kambju li għandhom jiġu wżati għall-iskopijiet tal-istrateġija agrikola komuni ([1]), u partikolarment l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1756/93 ([2]) bi żball naqas milli jħassar l-aħħar sentenza tal-aħħar subparagrafu ta' l-Artikolu 1(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 625/78 tat-30 ta' Marzu 1978 rigward ir-regoli dettaljati dwar l-użu għall-ħażna pubblika tat-trab tal-ħalib xkumat ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2270/91 ([4]), u l-aħħar parti tas-sentenza fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 24(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 685/69 tal-14 ta' April 1969 rigward ir-regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni għall-intervent fis-suq tal-butir u tal-krema ([5]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1756/93 ([6]); billi dawn in-nuqqasijiet għandhom għaldaqstant jiġu rettifikati;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 1756/93 għandu l-għan li jistabbilixxi b'mod preċiż r-rata tal-kambju agrikolu li għandha tintuża għall-ammonti kollha li huma stabbiliti f'ecu fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib; billi dak ir-Regolament għandu għaldaqstant jiġi emendat sabiex jistabillixi ċ-ċirkostanzi operattivi għall-ammonti referuti fl-Artikolu 3(3)(a) u (b) u fl-Artikolu 8(2)(c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1107/68 tas-27 ta' Lulju 1968 dwar ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni għall-interventi fis-suq tal-ġobon Grana Pardano u Parmigiano-Reggiano ([7]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2441/93 ([8]);

Billi ċ-ċirkostanzi operattivi għar-rata tal-kambju li għandha titħaddem għall-konverżjoni f'munita nazzjonali tas-somma referuta fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2742/90 tas-26 ta' Settembru 1990 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2204/90 ([9]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2146/92 ([10]), referut fil-punt 5 tal-Parti D ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 1756/93 hija d-data tal-pagament ta' l-ammont f'dan il-każ; billi l-għan ta' dik id-dispożizzjoni huwa li jippenalizza l-użu mhux awtorizzat tal-kaseini u l-kaseinati; billi dak l-għan għandu jittieħed bħala miksub fil-waqt li jinstab li jkun sar ksur ta' dik id-dispożizzjoni; billi ċ-ċirkostanzi operattivi għandhom għaldaqstant jiġu emendati kif jixraq;

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib ma tax opinjoni fiż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1756/93 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 3(1), dawn l-inċiżi li ġejjin huma miżjuda:
   "— l-aħħar sentenza ta' l-aħħar subparagrafu ta' l-Artikolu 1(5) tar-Regolament (KEE) Nru 625/78,
   — l-aħħar sentenza fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 24(4) tar-Regolament (KEE) Nru 685/69.';"
2. dan li ġej huwa miżjud mal-punt 1 tal-Parti D ta' l-Anness:

Ammonti kkonċernati	Rata ta' konverżjoni agrikola għandha tintbaghat
D. L-ispejjes tal-ħażna referuti fil-punti (a) u (b) tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(3) ID="02"	Ir-rata tal-kambju agrikolu li tapplika fid-data meta tinbidel it-tmexxija skond it-tifsira mogħtija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 3(3) ID="01"
E. Il-Prezz offrut u milqugħ fil-proċess tas-sejħa għall-offerti referut fl-Artikolu 8(2)(c) ID="02".	Ir-rata tal-kambju agrikolu applikabbli fid-data tal-pagament'

3. fil-punt 5 tal-Parti D ta' l-Anness, 'Ir-rata tal-kambju agrikolu applikabbli fil-jum tal-pagament' hija mibdula bi 'r-rata tal-kambju agrikolu applikabbli fl-ewwel jum tax-xahar meta jinstab li jkun sar il-ksur'.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-sebgħa jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

B'danakollu, l-punt 1 ta' l-Artikolu 1 japplika mill-1 ta' Lulju 1993.

([1]) ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 1.
([2]) ĠU L 161, tat-2.7.1993, p. 48.
([3]) ĠU L 84, tal-31.3.1978, p. 19.
([4]) ĠU L 208, tat-30.7.1991, p. 35.
([5]) ĠU L 90, tal-15.4.1969, p. 12.
([6]) ĠU L 161, tat-2.7.1993, p. 48.
([7]) ĠU L 184, tad-29.7.1968, p. 29.
([8]) ĠU L 224, tat-3.9.1993, p. 5.
([9]) ĠU L 264, tas-27.9.1990, p. 20.
([10]) ĠU L 214, tat-30.7.1992, p. 23.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Ottubru 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni